

Informazzjoni dwar is-segwitu tal-ilment irregiſtrat bir-referenza CPLT(2013)02870 – Abbuż possibbli ta’ kuntratti suċċessivi għal terminu fiss fis-settur pubbliku Taljan – aġġornament

Il-Kummissjoni Ewropea tirreferi għas-sensiela ta’ lmenti li rċeviet rigward in-nuqqas ta’ miżuri għall-prevenzjoni tal-abbuż ta’ kuntratti suċċessivi għal terminu fiss fis-settur pubbliku Taljan u n-nuqqas ta’ penali f’każijiet ta’ abbuż.

L-impjegati kkonċernati huma:

- il-persunal impjegat fil-fondazzjonijiet Taljani tal-opri u tal-orkestri;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-għalliema u mal-persunal awżiljarju amministrattiv u tekniku (“persunal tal-ATA”) sabiex jimtlew pożizzjonijiet vakanti temporanji;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-persunal tal-kura tas-saħħa, inklużi l-maniġers, fis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-ħaddiema fl-edukazzjoni għolja tal-arti, tal-mużika u taż-żfin (“AFAM”) li għalihom l-awtorità ta’ sorveljanza hija l-Ministero dell’Istruzione, Università e Ricerca (“MIUR”), il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-persunal fl-istituzzjonijiet pubbliċi ta’ riċerka;
- ir-relazzjonijiet ta’ impjeg bejn l-impjegaturi agrikoli u l-ħaddiema għal terminu fiss, kif definit mill-Artikolu 12, is-sottoparagrafu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 375 tal-11 ta’ Awwissu 1993, b’mod partikolari l-ħaddiema forestali;
- is-sejħiet għas-servizz tal-persunal volontarju fil-korp nazzjonali tat-tifi tan-nar.

Uħud minn dawn il-ħaddiema għandhom ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-ħaddiema permanenti, b’mod partikolari fir-rigward tar-rikonoxximent tas-servizzi previsti skont il-kuntratti għal terminu fiss.

Il-Kummissjoni eżaminat il-liġi Taljana rilevanti u kkonkludiet li ma tikkonformax mal-klawżola 4 u mal-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss anness mad-Direttiva 1999/70/KE¹. Għaldaqstant, iddeċidiet li tiftaħ proċedura ta’ ksur (INFR(2014)4231)² billi bagħtet ittra ta’ intimazzjoni fis-17 ta’ Lulju 2019. Ittra ta’ intimazzjoni addizzjonali nħarġet fit-3 ta’ Diċembru 2020.

Fid-19 ta’ April 2023, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lill-Italja għaliex l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Italja fit-tweġibiet tagħha għall-ittri ta’ intimazzjoni mibgħuta fis-17 ta’ Lulju 2019 u fit-3 ta’ Diċembru 2020 ma kinux sodisfaċenti. L-Italja bagħtet żewġ tweġibiet għall-opinjoni motivata fid-19 ta’ Ġunju 2023 u fil-11 ta’ Awwissu 2023. Bħalissa daww it-tweġibiet qed jiġu vvalutati.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43

² [Applikazzjoni tad-dritt tal-UE \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/en/press-communications/press-communications/2014/14231-statement-main.pdf)

L-ilmentaturi se jinżammu infurmati mill-Kummissjoni permezz ta' dan is-sit web³ dwar kwalunkwe pass proċedurali ta' segwitu li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rigward dan il-proċediment ta' ksur.

³ [Deċiżjonijiet u avviżi oħra dwar ilmenti multipli \(europa.eu\)](http://europa.eu)